Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10274/25
ADD 10

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0163 (NLE)

AELE 52
CH 18
MI 395
ESPACE 47

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 308 annex
Suġġett:	ANNESS għall- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet biex jiġu kkonsolidati, approfonditi u estiżi r-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 308 - Annex 10.

Mehmuż: COM(2025) 308 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2025
COM(2025) 308 final

ANNEX 10

ANNESS

għall-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet biex jiġu kkonsolidati, approfonditi u estiżi r-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali

PROTOKOLL
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA
DWAR IL-KOPERAZZJONI PARLAMENTARI

L-UNJONI EWROPEA (minn hawn ’il quddiem imsejħa “Unjoni”),

kif ukoll

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA (minn hawn ’il quddiem imsejħa “Żvizzera”),

hawnhekk iżjed ‘il quddiem msejħa il-“Partijiet Kontraenti”,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW ir-rabtiet reċiproċi mill-qrib bejniethom abbażi tal-prossimità, il-valuri kondiviżi u l-kultura Ewropea komuni tagħhom, kif ukoll il-fatt li l-ekonomiji tagħhom huma interkonnessi ħafna f’termini ta’ kummerċ u investimenti,

FILWAQT LI JIKKONDIVIDU l-objettiv li jikkontribwixxu għat-twettiq bla xkiel u l-iżvilupp kontinwu tas-sħubija komprensiva tal-Unjoni u tal-Iżvizzera sal-potenzjal sħiħ tagħha,

FILWAQT LI JESPRIMU S-SODISFAZZJON TAGĦHOM bil-konklużjoni, f’Diċembru 2024, tan-negozjati dwar il-pakkett bilaterali wiesa’ għall-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp tar-relazzjonijiet tagħhom,

FILWAQT LI JINSABU XEWQANA li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Assemblea Federali Żvizzera,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

B’dan huwa stabbilit Kumitat Parlamentari Konġunt. Għandu jikkontribwixxi, permezz ta’ djalogu u dibattitu, għal fehim aħjar bejn il-Partijiet Kontraenti dwar il-pakkett bilaterali wiesa’ u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom.

ARTIKOLU 2

Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jkun magħmul, f’numri ugwali, minn membri tal-Parlament Ewropew u membri tal-Assemblea Federali Żvizzera. In-numru totali ta’ membri tal-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jiġi speċifikat fir-regoli ta’ proċedura tiegħu.

ARTIKOLU 3

Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jiltaqa’ alternattivament fl-Unjoni u fl-Iżvizzera mill-inqas darba fis-sena.

ARTIKOLU 4

Mat-twaqqif tiegħu, il-Kumitat Parlamentari Konġunt:

(a) jistgħu jitolbu informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe ftehim li jifforma parti mill-pakkett bilaterali wiesa', kif ukoll ta' kwalunkwe ftehim bilaterali futur possibbli f'oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera, mill-Partijiet Kontraenti, li mbagħad għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba lil dak il-Kumitat;

(b) għandhom jiġu infurmati fuq bażi regolari bid-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitati Konġunti stabbiliti bi kwalunkwe ftehim li jifforma parti mill-pakkett bilaterali wiesa' u bi kwalunkwe ftehim bilaterali futur possibbli f'oqsma relatati mas-suq intern li fih tipparteċipa l-Iżvizzera; kif ukoll

(c) jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet Kontraenti.

ARTIKOLU 5

Il-Kumitat Parlamentari Konġunt għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura b'maġġoranza ta' zewġ terzi tal-membri ta' dak il-Kumitat.

ARTIKOLU 6

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti f'konformità mal-proċeduri tagħhom stess. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-aħħar notifika skont il-paragrafu 1.

ARTIKOLU 7

Dan il-Protokoll jista' jiġi emendat fi kwalunkwe ħin bi ftehim reċiproku tal-Partijiet Kontraenti.

Kull Parti Kontraenti tista' ttemm dan il-Protokoll fi kwalunkwe ħin billi tinnotifika lill-Parti Kontraenti l-oħra bil-miktub permezz ta' mezzi diplomatiċi. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ tliet xhur wara li tiġi riċevuta din in-notifika.

Magħmul fi [post], nhar [data] f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Netherlandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

B’XHIEDA TA’ DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan l-għan, iffirmaw dan il-Protokoll.

Għall-Unjoni Ewropea

Għall-Konferazzjoni Żvizzera